ID-DIRETTORAT GHAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI
Id-Dipartiment Tat-Tmexxija tal-Kurrikulu
It-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv

# Madwar l-Iskola

## Fieldwork għat-Tielet Sena tal-Primarja



**Isem:** ______________________

**Data:** ______________________

**Skola:** ______________________

**IR-ROTTA TAL-*FIELDWORK*:** Il-*fieldwork* nibdewh mill-klassi. Inkomplu fil-kuritur, ninżlu fil-bitħa, immorru fit-triq ta' quddiem l-iskola, insibu triq oħra u nispiċċaw f'post ta' rikreazzjoni eż. bandli jew *playing-field*.



## A. ġol-iskola

1. F'liema **klassi** qiegħed/qiegħda dis-sena?

_______________________________________________

2. Fil-biċċiet tal-*puzzle* ikteb **ismek**, isem ta' **tifel** fil-klassi tiegħek, isem ta' **tifla** u isem ta' **ħabib (jew) ħabiba** speċjali.



(*fil-kuritur ta' maġenb il-klassi*)

3. Hemm klassijiet oħra maġenb il-klassi tiegħek? **Iva/Le**

4. Jekk hemm, waqt li tħares lejn il-klassi tiegħek, **ikteb l-ismijiet** ta' dawn il-klassijiet:

(a) il-klassi fuq in-naħa **tal-lemin**: ______________________________

(b) il-klassi fuq in-naħa **tax-xellug**: ______________________________

5. Fil-maġġoranza tal-iskejjel, insibu **kuritur** idur mal-klassijiet. Il-kuritur qiegħed hemm biex: **immarka t-tajba** ✓ **bis-sinjal**

(a) immorru minn klassi għal oħra bil-kumdità ____________

(b) nilagħbu u niġru fih ____________

(ċ) min ma jġibx ruħu sew joqgħod fih minflok fil-klassi ____________

6. Inkejlu bil-passi tagħna t-tul u l-wisa' tal-kuritur tal-iskola:

(a) numru ta' **passi għall-wisa'**: ______________________________

(b) numru ta' **passi għat-tul**: ______________________________

7. Ikteb **żewġ** affarijiet li tista' **tara** fil-kuritur.

______________________ u ______________________

8. Ikteb **żewġ** affarijiet li **ma tistax tara** fil-kuritur.

______________________ u ______________________

9. Ikteb **regola** li trid tosserva fil-kuritur tal-iskola.

______________________________________________

(*ninżlu fil-bitħa*)

10. Għid kif trid tagħmel biex **mill-kuritur tinżel fil-bitħa**. (eż. tinżel taraġ, eċċ.) ____________________________________________

____________________________________________

11. **Aqta' sing** taħt l-affarijiet **li ssib fil-bitħa** tal-iskola tiegħek:

(a) bandli

(b) parti mill-bitħa maqtugħa għat-tfal tal-kindergarten biss

(ċ) grawnd fejn nistgħu nilagħbu l-futbol

(d) whiteboards

(e) siġar kbar biex isebbħu l-ambjent

(f) pjanti u xtieli biex isebbħu l-ambjent

(ġ) grawnd fejn nistgħu nilagħbu t-tennis jew il-basketball

(g) bankijiet fejn nistgħu nieklu l-lanċ waqt il-brejks

(għ) uffiċċju għas-surmast

(h) dastbins fejn narmu l-iskart

12. Inkejjlu l-wisa' u t-tul tal-bitħa. Sib **l-itwal wisa'** u **l-itwal tul** tal-bitħa u kejjilhom bil-passi tiegħek stess:

1. **numru ta' passi għat-tul**: ____________________
2. **numru ta' passi għall-wisa'**: ____________________

13. **Pinġi** l-bitħa tal-iskola:

## B. maġenb il-bieb prinċipali tal-iskola

1. **Pinġi jew ikteb l-ewwel tliet affarijiet** li tara **hekk kif toħroġ** mill-bieb tal-iskola:

| | | |
|---|---|---|
| | | |

2. **Immarka** ✓ l-affarijiet **li tara maġenb il-bieb prinċipali tal-iskola**:

(a) xi knisja jew kappella ____________________

(b) spiżerija ____________________

(ċ) bejjiegħ tal-ħaxix ____________________

(d) stejxiner ____________________

(e) ħanut tal-pastizzi ____________________

(f) ħanut tal-merċa jew supermarkit ____________________

(ġ) grawnd tal-futbol ____________________

(g) stejġ tal-karozzi tal-linja ____________________

(għ) *bring-in site* ____________________

(h) *zebra crossing* ____________________

## Ċ. it-triq ta' quddiem il-bieb prinċipali

1. **Aqta' sing** taħt it-tajba:

   (a) It-triq ta' quddiem l-iskola hija (dejqa, wiesa').

   (b) Hija triq (kwieta, storbjuża).

   (ċ) L-iskola tinsab fil-parti (l-ġdida, l-antika) tal-belt jew raħal.

   (d) It-triq tal-iskola hija (sabiħa, kerha).

   (e) Quddiem l-iskola jkun hemm (suldat, pulizija) li jikkontrolla t-traffiku.

2. Liema minn dawn it-tabelli **tara fit-triq ta' quddiem l-iskola**? **Immarka** ✓



___________




___________



___________

3. Osserva t-triq ta' quddiem l-iskola. Pinġi l-kaxxi tal-affarijiet **li tara** fit-triq tal-iskola **sofor**, u l-kaxxi tal-affarijiet **li ma tarax** fit-triq tal-iskola **oranġjo**.

| | | |
|---|---|---|
| **razzett** | **għolja** | **wied** |
| **ħajt tas-sejjieħ** | **siġra** | **pjanta** |

## D. triq traffikuża viċin l-iskola

1. Qatta' **tliet minuti fi triq traffikuża** viċin tal-iskola.

   **Tinsiex toqgħod fuq il-bankina! Immarka ✓ liema vetturi tara:**

| | |
|---|---|
| (a) mutur | |
| (b) karozza żgħira | |
| (ċ) karozza sportiva | |
| (d) trakk tal-ġebel | |
| (e) trakk tal-ilma | |
| (f) karozza tal-linja | |
| (ġ) trejler | |
| (g) *minibus* | |
| (għ) karozzin | |
| (h) ferrovija tat-turisti | |

2. X'tip ta' bini hemm fit-triq traffikuża?

   **Agħmel ċirku madwar l-aġġettivi xierqa:**

**modern qadim baxx għoli sabiħ ikrah**

# E. triq kwieta viċin l-iskola

1. Fi triq kwieta tista' tosserva aħjar.

   **Pinġi jew ikteb żewġ affarijiet li:**

| | |
|---|---|
| **(a) rajt**  | |
| **(b)**  | |
| **(ċ) smajt**  | |
| (d)  | |

2. Ikteb **iva** maġenb il-bini **li lmaħt fi triq kwieta.**

   Ikteb **le** maġenb il-bini **li ma lmaħtx fi triq kwieta.**

(a) lukanda ______________

(b) villa ______________

(ċ) dar ______________

(d) flett ______________

(e) mużew ______________

(f) knisja ______________

(ġ) kappella ______________

(g) każin ______________

(għ) ħanut ______________

## F. post ta' rikreazzjoni viċin l-iskola

1. Jiena żort (ġnien pubbliku, bandli, grawnd sportiv).
2. Li kieku kellek tieħu ritratt tal-post, liema xena ġġib?



3. **Wieġeb fil-qosor**:

(a) Min taħseb li jżur dan il-post? ____________________

(b) Hemm siġar u pjanti? ____________________

(ċ) Rajt xi logħob għat-tfal? __________________

(d)Sibt indafa? ___________________

(e) Dan il-post huwa modern jew antik? _______________

(f) Taf x'jismu? _______________

(ġ) Rajt xi periklu ? _______________

## Ġ. fiċ-ċentru tal-belt jew raħal

1. Liema minn dawn issib **fil-pjazza tar-raħal tiegħek**?

Imla ċ-ċirku b'kulur **aħdar jekk hemm** u b'kulur **aħmar jekk m'hemmx:**

**(a)il-knisja** ◯

**(b)l-għassa tal-pulizija** ◯

**(ċ) xi ġnien pubbliku** ◯

**(d)l-ispiżjar** ◯

**(e)il-furnar** ◯

**(f)xi ħanut tal-merċa** ◯

**(ġ) xi ħanut tal-ħwejjeġ** ◯

**(g)xi ħanut taż-żraben** ◯

**(għ) iċ-ċentru tad-duttrina** ◯

**(h)xi każin tal-banda** ◯

**(ħ) xi djar kbar antiki** ◯

**(i) bank u/jew *ATM*** ◯



2. Lil min hi **ddedikata l-knisja tal-belt jew raħal tiegħek**?

Lil ________________________________________

## G. ġenerali

**Orali**: Isma', aħseb, iddiskuti u wieġeb:

1. Li kieku kellek tagħżel f'liema parti tal-belt jew raħal toqgħod, liema tagħżel? Għaliex?

2. Taħseb li huwa *safe* biex iddur fil-belt jew raħal tiegħek bir-rota?

3. Hemm xi post interessanti fir-raħal tiegħek?

4. Liema hu?

5. Għid għaliex huwa interessanti:

6. Min iżuru?

## GĦ. Kemm ħadt gost f'dan il-*fieldwork?*

**Agħmel ċirku madwar numru: iż-0 jfisser xejn, u l-5 jfisser ħafna:**

**0 1 2 3 4 5**

**Estratt mill-pubblikazzjoni: *Social Studies Primary – a handbook***

Bejn Ottubru u Jannar kull student li qiegħed mit-Tielet sas-Sitt Sena tal-Primarja għandu jagħmel *fieldwork* b'rabta mas-sillabu tal-Istudji Soċjali.

Id-Dipartiment tat-Tmexxija tal-Kurrikulu jipprovdi l-pubblikazzjoni bin-noti u t-taħriġ meħtieġa biex isir dan il-*fieldwork*. Din il-pubblikazzjoni titqassam lill-iskejjel sal-aħħar ta' Settembru.

L-eżerċizzju kollu għandu jitlesta mill-istudenti u jiġi assessjat mill-għalliema sal-aħħar ta' Jannar. L-assessjar għandu jsir skont il-kriterji li ġejjin:

| | | **il-marki** |
|---|---|---|
| a | Il-parteċipazzjoni u l-ħila li jiġu segwiti l-istruzzjonijiet | **5** |
| b | L-osservazzjoni, l-identifikar u l-irrekordjar | **5** |
| ċ | L-interpretazzjoni tal-informazzjoni miġbura | **5** |
| d | Il-preżentazzjoni finali tad-dokument sħiħ | **5** |
| | IT-TOTAL | **20** |

Il-marki għandhom jiġu maqlubin fi gradi kif ġej:

| **marka** | **grad** |
|---|---|
| **18 – 20** | **A** |
| **15 – 17** | **B** |
| **10 – 14** | **C** |
| **6 – 9** | **D** |
| **3 – 5** | **E** |
| **0 – 2** | **F** |

Il-grad miksub mill-istudenti għandu jiġi komunikat lill-ġenituri.